MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Numru. 508/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Jason Cortis**

**Illum, 16 ta' Mejju 2014**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jason Cortis ta' 21 sena, iben Philip u Maria Dolores nee` Cutajar, imwieled Pieta` fit-12 ta' April 1988, residenti 62, Gawhra, Triq San Frangisk, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 183688(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009, gewwa Ta' Qali, kif ukoll fis-sentejn ta' qabel, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jitraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti Dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

2. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif

> sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31) u l-Ordni tal-istess Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u semghet it-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**L-ammissibilita` o meno tal-istqarrija tal-imputat**

L-ewwel kwistjoni li dwarha ser tiddiciedi l-Qorti hija dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013, id-difiza fil-waqt illi ghamlet referenza ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, talbet l-isfilz tal-istess stqarrija u dan stante illi l-imputat ma kienx assistit minn avukat ta' fiducja tieghu waqt l-interrogazzjoni, li saret fis-sighat bikrin ta' filghodu tat-2 ta' Mejju 2009 u dan fuq skorta tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, fl-ismijiet Salduz vs Turkey, Brusko vs France u Boz vs Turkey, kif ukoll tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Esron Pullicino**. Id-difiza ssottomettiet ukoll illi dak iz-zmien, l-imputat kien guvni ta' 21 sena, li ma kellu l-ebda esperjenza precedenti ta' pulizija, arrest jew interrogazzjoni.

Mhuwiex ikkontestat illi fil-jum li fih ttiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fit-2 ta' Mejju 2009, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti rreferiet ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2012 u fit-12 ta' April 2012 rispettivament, **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013 u **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014.

Illi jirrizulta illi fil-jum li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija, l-istess imputat kellu wiehed u ghoxrin sena u l-fedina penali tieghu dakinhar kienet wahda netta. Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi qabel l-interrogazzjoni tieghu, huwa nghata s-solita twissija illi ma kienx obbligat illi jitkellem, imma dak li jghid seta' jingieb bhala prova. Jirrizulta wkoll illi fil-fatt l-imputat wiegeb ghad-domandi kollha li sarulu u fl-ahhar wara d-dikjarazzjoni fis-sens illi huwa ghamel l-istqarrija b'mod volontarju, minghajr theddid jew biza', weghdiet jew twebbil ta' xi vantaggi, u wara li l-istess stqarrija giet moqrija lilu, huwa ghazel li jiffirmaha.

Fil-kaz odjern, l-imputat ma kienx minuri meta rrilaxxja l-istqarrija, jew kien ghadu kif lahaq il-maggor eta`. Huwa ma xehedx u lanqas ma jirrizulta mill-atti jew saret xi allegazzjoni fis-sens illi l-istqarrija tieghu ma kinitx wahda volontarja jew vizzjata fis-sens tal-Artikolu 658 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Veru illi, kif sostniet id-difiza, l-istqarrija ttiehdet fin-nofs siegha ta' filghodu, izda kif jirrizulta mill-istess stqarrija, l-imputat gie anke mistoqsi jekk kienx b'sahhtu bizzejjed sabiex jirrilaxxja l-istess stqarrija, ghal-liema domanda huwa wiegeb fl-affermattiv. Ghalhekk m'hemm xejn fl-atti li jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi l-istqarrija tieghu ma kinitx wahda volontarja. In oltre lanqas ma jirrizulta illi l-imputat seta' ammetta ghal dak li ma kienx minnu u dan b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt illi l-istqarrija tieghu giet in parte korroborata mix-xhud John Paul Psaila, kif ser jinghad izjed l'isfel.

Huwa minnu illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, deciza fit-22 ta' Frar 2013, u dan fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fi zmien meta ma kellux id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi Fenech, li kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta rrilaxxja l-istqarrija, ghandu mnejn illi minhabba l-eta` tieghu, kellu dik il-vulnerabilita` tali li bhala konsegwenza taghha, seta' ghamel stqarrija a bazi ta' liema seta' jinstab hati meta fis-sewwa hati ma kienx. Fil-fehma ta' dik il-Qorti, l-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi sabiex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija twassal ghall-ksur tal-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

Izda fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Charles Steven Muscat vs Avukat Generali</u>** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali spjegat ukoll illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. <u>Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur</u>.*" (sottolinear mizjud)

Din il-Qorti tqis illi minkejja l-eta` tal-imputat li, madankollu lanqas ma kien minuri jew kien ghadu kif lahaq il-maggor eta`, u wara li qieset ukoll illi din kienet l-ewwel esperjenza tieghu ta' interrogazzjoni, ma hemmx il-perikolu illi huwa jista' jinstab hati meta fil-fatt m'ghandux hekk jinstab. Dan qed jinghad ukoll ghaliex l-istqarrija tieghu, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, hija in parte korroborata mix-xhud John Paul Psaila u in kwantu jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, din hija korroborata minn provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti. Il-Qorti ghalhekk mhijiex ser tistrieh <u>biss</u> fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Dan ir-ragunament isib konfort ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Deborah Osmond</u>**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013. F'dak il-kaz, l-ewwel Qorti strahet fuq il-gurisprudenza vigenti dak iz-zmien ossia **<u>Il-Pulizja vs Alvin Privitera</u>**, **<u>il-Pulizija vs Mark Lombardi</u>** u **<u>il-Pulizija vs Esron Pullicino</u>**, u ddikjarat illi n-nuqqas ta' assistenza legali kien leziv tad-dritt fundamentali tal-bniedem, kif sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u peress illi ma rrizultawx xhieda ohra oltre din l-istqarrija, iddikjarat lill-appellata mhux hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha. L-Avukat Generali hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha. Fil-waqt illi rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Charles Steven Muscat vs Avukat</u>**

**<u>Generali</u>**, fuq citata, u ghall-bran mill-istess sentenza citat izjed 'il fuq, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid hekk:-

"*Jinghad mill-bidu nett illi ma hemm l-ebda prova li l-istqarrija hija vizzjata b'xi wahda minn dawn l-incidenzi,* [ossia bi vjolenza, qerq jew b'theddid] *ghalhekk il-Qorti trid tinvestiga jekk inholoqx il-periklu illi l-appellata setghet tinstab hatja meta ma kelliex hekk tinstab. Biex tghinha f'dan l-ezercizzju l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali sede Ghawdex fit-18 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Paul Cutajar fejn il-Qorti qalet, "Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita` ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija*".

Il-Qorti ikkunsidrat illi f'dak il-kaz, il-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress illi ma kien hemm ebda xhieda ohra ma' liema setghet tikkorobora din l-istess stqarrija. L-appellata kienet tfajla ta' tmintax-il sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-interrogazzjoni taghha illi ammettiet li kienet hadet id-droga *ecstasy* xi sena qabel. F'dawn ic-cirkostanzi u <u>fin-nuqqas ta' korroborazzjoni permezz ta' xhieda ohra</u>, il-Qorti kkonkludiet illi jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss.

*A contrario senso* ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, meta l-istqarrija tal-imputat hija korroborata bi provi ohrajn li tressqu mill-prosekuzzjoni, m'hemmx il-perikolu illi l-Qorti ssib htija fejn htija fil-fatt ma hemmx.

Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex sejra tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat, sa fejn din hija korroborata minn provi ohrajn.

Id-difiza lmentat ukoll mill-fatt illi anke l-istqarrija rilaxxjata mix-xhud John Paul Psaila hija inammissibbli ghaliex meta huwa rrilaxxja din l-istqarrija, huwa wkoll ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu. Madankollu, jirrizulta wkoll mill-atti, illi l-istqarrija rilaxxjata mill-istess xhud, giet ikkonfermata minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke. Fuq skorta tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, ghalkemm ix-xhud f'dan il-kaz kellu biss sbatax-il sena meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu u ghalhekk jista' jitqies bhala vulnerabbli, biss la darba dik l-istqarrija giet ikkonfermata minnu bil-gurament kif inghad, quddiem il-Magistrat Inkwirenti, din il-Qorti tqis illi dik l-istqarrija ttiehdet f'cirkostanzi li jiggarantixxu l-legittimita` tal-istess u ghaldaqstant, anke dik l-istqarrija hija prova valida u ammissibbli f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex taghmel sintezi u tifli l-provi kollha li tressqu quddiemha.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

L-ewwel u t-tieni imputazzjoni – traffikar u pussess illegali (semplici) ta' medicina psikotropika u ristretta *(ecstasy)*

Fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2010, xehed l-**Ispettur Jesmond J. Borg**[1], li qal illi fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009, waqt tfittxijiet li kienu qeghdin isiru fuq

[1] A fol. 10 sa 12 tal-process.

diversi persuni gewwa *party* li kien qed isir fl-MFCC, Ta' Qali, gie arrestat l-imputat, fost nies ohrajn u dan wara li fuqu kienet instabet pillola suspettata *ecstasy.* L-istess imputat irrilaxxja stqarrija. L-Ispettur Borg xehed ukoll illi fl-istess *party* gie arrestat ukoll certu John Paul Psaila, li waqt li kien qed jigi investigat, qal illi waqt li kien fil-*party* l-imputat offrielu tlett pilloli *ecstasy* ghal ghaxar Euro il-wahda. L-istess Psaila ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament fit-2 ta' Mejju 2009. L-istess xhud esebixxa l-istqarrija tal-imputat, kif ukoll il-pillola u xi flus li gew elevati minn fuq il-persuna tieghu.

Fis-seduta tad-29 ta' April 2010, xehed **PC 1372 Alan Cutajar**[2] li kkonferma illi fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009, kien qieghed xoghol waqt *party* gewwa l-MFCC, Ta' Qali u li ghall-habta ta' nofs il-lejl saret tfittxija fuq l-imputat. Fil-but instabitlu pillola suspettata *ecstasy.* Huwa gie moghti d-debita twissija u gie arrestat.[3]

Fl-istess seduta xehed ukoll **John Paul Psaila**[4], li kkonferma illi fit-2 ta' Mejju 2009, huwa kien gie arrestat mill-pulizija gewwa *party* f'Ta' Qali u dan dwar tlett pilloli *ecstasy.* Huwa qal li kien xtara l-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat. Lill-imputat huwa kien rah fil-*party*, kien mar fuqu u staqsieh jekk kellux. L-imputat qallu li kellu, huwa xtara tlieta minghandu u taghhom hallas Eur 30. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija guramentata li kien ghamel quddiem il-Magistrat Inkwerenti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

F'din l-istqarrija[5], l-istess John Paul Psaila qal illi huwa mar *party* flimkien ma' shabu. Wara li ha ftit *drinks*, mar sabiex ifittex minn fejn seta' jixtri xi pilloli *ecstasy*. Ra persuna li gieli kien rah il-Kazin tal-Bocci ta' Santa Lucia u mar jistaqsih jekk kellux xi pilloli tal-*ecstasy.* Qallu li kellu u meta staqsih x'tip ta' pilloli kellu, huwa qallu li kellu l-*Euros*. Staqsieh kemm ried u x-xhud qallu li

---

[2] A fol. 19 sa 20 tal-process.
[3] Dan gie kkonfermat ukoll mill-Ispettur Victor Aquilina (a fol. 21 u 22 tal-process) u minn PC 1392 Kevin Buhagiar (a fol. 23 u 24 tal-process).
[4] A fol. 25 sa 30 tal-process.
[5] A fol. 9 tal-process.

ried tlieta. Ix-xhud staqsieh kemm kienu jiswew u l-iehor qallu li kienu Eur 10 il-wahda. Qal ukoll illi huwa tah f'idu zewg karti tal-Eur 20 il-wahda u l-iehor tah bqija ta' Eur 10. L-iehor tefa' l-flus fil-but u dar lejn siehbu, wara rega' dar lejh u hareg tlett pilloli mill-but, liema pilloli tahom lix-xhud f'idejh. Ix-xhud tefa' l-pilloli fil-but, induna li kien hemm xi nies josservawh u qal lill-iehor biex jimxu l'hemm. Dak il-hin marru l-pulizija fuqhom u arrestawhom. Mistoqsi ghalfejn kien qal lill-pulizija li ma kienx xtara minghandu hekk kif gie arrestat, huwa qal li issa kien qed jghid il-verita` u li minn ghandu kien xtara l-pilloli. Qal illi l-pilloli kien ilhom ghandu xi hames minuti. Huwa qal illi din kienet l-ewwel darba li xtara minghandu u mistoqsi kif kien jaf li ghandu l-pilloli, huwa qal illi ma kienx jaf, izda mar jistaqsih u l-iehor qallu li ghandu. Kellmu ghaliex gieli kien rah il-kazin. Sussegwentement, ix-xhud qal ukoll illi huwa ma kienx jaf jekk il-pilloli li tah il-persuna li semma kinux ghandu jew jekk kienx tahomlu dak li dar ghal fuqu wara li x-xhud kien tah il-flus, pero` huwa kien ta l-flus lill-persuna ndikata minnu u wara li dar, dan tah il-pilloli f'idejh.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-2 ta' Mejju 2009[6], **l-imputat** qal illi huwa kien dahal fil-*party* u wara li xorob ma' shabu, beda jfittex lil xi hadd biex jixtri minghandu. Ra lil wiehed li jaf li gieli kellu u staqsih jekk kellux xi pilloli *ecstasy*. Dan qallu li kellu u kienu jiswew Eur 12 il-wahda. Sussegwentement, kien qieghed hdejn it-*toilet* u staqsieh wiehed li huwa kien gieli rah, pero` ma kienx jafu, jekk kellux. Huwa qal lil din il-persuna sabiex jaghtih il-flus, sabiex jara jekk isibx jixtrilu. Qal ukoll illi huwa kellu f'mohhu li jerga' jmur u jfittex lill-persuna l-ohra li kien kellem qabel. Waqt li l-iehor kien qed jaghtih il-flus, marru l-pulizija u arrestawh flimkien ma' dak li staqsieh ghall-pilloli. Qal illi huwa kien ilu jabbuza madwar sena u nofs mill-pilloli *ecstasy*, ghalkemm gieli mar *parties* u ma abbuzax. Qal illi l-pillola li nstabet fuqu kienet ghalih. Kien xtara tnejn, wahda kien hadha, fil-waqt li l-ohra kienet ghadha fuqu. Mistoqsi kienx bihsiebu jaqsam mill-pilloli li kellu ma' xi hadd, huwa qal li kien fadallu wahda, li kien ser izommha ghalih u li lill-ohrajn kien ser jipprova jsibilhom. Mistoqsi kienx jaf lill-persuna li mar fuqu, huwa qal illi ma kienx jaf x'jismu, izda kien jaf li rah arrestat u li kien jafu biss minn wiccu. Huwa qal illi ghalkemm qatt ma kien mar jixtri pilloli ghal haddiehor, kien hemm xi drabi fejn staqsewh

[6] A fol. 13 sa 15 tal-process.

ghall-pilloli tal-*ecstasy* u huwa qalilhom minn fejn ikun xtara, izda mbaghad imorru u jirrangaw huma. Mistoqsi ghalhekk ghalfejn dakinhar kien ser jipprova jaqdi lill-persuna li talbitu l-pilloli, huwa qal li ried jaghmillu pjacir u li fil-verita`, haseb li jekk jerga' jmur ghand l-istess persuna li kien xtara hu minghandu, seta' jaghtih id-droga bi prezz inqas. Kien jaf imur darba ohra jixtri minghandu u meta jixtri ghalih, kien jaf jerhilu ftit mill-prezz. Din kienet l-ewwel darba li din il-persuna staqsieh ghall-pilloli *ecstasy* u li huwa lanqas biss kien jafu. Meta gie ssuggerit lilu illi dan il-persuna diga` kellu pilloli tal-*ecstasy* fuqu, huwa qal illi jista' jkun li kellu, izda huwa xorta wahda talbu sabiex jakkwistalu minn xi mkien. Mistoqsi x'kienet il-pillola li nstabet fuqu, huwa qal illi din kienet pillola *ecstasy.*

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2011, xehed **l-Ispizjar Mario Mifsud**[7] li pprezenta r-relazzjoni tieghu.[8] Mill-istess relazzjoni jirrizulta illi huwa kien inghata dokument, konsistenti f'karta ta' ghoxrin euro, tlett muniti tal-euro l-wahda u erba' muniti ta' 50c il-wahda, kif ukoll pillola wahda roza, *bevelled*, li kellha fuqha l-*logo* ta' qalb. L-imsemmi espert ikkonkluda illi fil-pillola msemmija nstabet is-sustanza *Chlorophenylpiperaine (CPP).* Is-sustanza CPP hija *central stimulant* u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Fix-xhieda tieghu, imbaghad l-istess espert spjega illi fuq l-imsemmija pillola saru analizi ghall-presenza ta' *substitutes* u ta' *amphetamines*, precizament MDMA, pero` din is-sustanza nstabet li kienet "*clorofinperezine*" ossia sustanza kontrollata mil-ligi taht it-Taqsima A tal-Kap. 31. Ix-xhud spjega li din hija pillola tal-*ecstasy* li tikkontjeni is-CPP.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi jirrizulta illi l-imputat, fl-istqarrija tieghu, ammetta illi dakinhar tal-*party*, wara li diga` kien xtara zewg pilloli *ecstasy* ghalih u kkonsma wahda minnhom, gie avvicinat minn persuna li huwa qal illi gieli kien rah izda ma kienx jaf min

[7] A fol. 34 sa 35 tal-process.
[8] A fol. 36 tal-process.

hu, u dan staqsieh jekk kellux. Huwa qal lil din il-persuna sabiex jaghtih il-flus, halli jara jekk isibx jixtrilu u skond hu, f'mohhu kellu li jerga' jmur ifittex lil dak li kien xtara minghandu qabel ghaliex, fi kliemu stess, dan seta' jaghtih id-droga bi prezz inqas kemm il-darba jerga' jixtri ghalih. Qal ukoll illi dak li talbu ghall-pilloli kien qed jaghtih il-flus, x'hin marru fuqhom il-pulizija u arrestawhom flimkien. Qal ukoll illi dan kien l-istess persuna li kien rah hemm arrestat, ghalkemm ma kienx jaf x'jismu.

Da parti tieghu, ix-xhud John Paul Psaila, fl-istqarrija li huwa kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti u li rega' kkonferma quddiem il-Qorti, ikkorrobora din il-parti tal-istqarrija tal-imputat, fis-sens illi qal illi waqt l-istess *party*, huwa mar ifittex biex jixtri l-pilloli *ecstasy*, ra persuna li kien jafu minn wiccu ghaliex gieli rah il-kazin tal-bocci ta' Santa Lucia u staqsieh jekk kellux xi pilloli *ecstasy.* Dan qallu li ghandu, tkellmu dwar il-prezz u anke skond hu, tah il-flus u l-iehor u cioe` l-imputat tah il-bqija. Skond ix-xhud, imbaghad, l-imputat tefa' l-flus fil-but u anke ghaddielu l-pilloli, f'liema hin gew arrestati mill-pulizija.

Ghalhekk, fejn ma jaqblux l-imputat u x-xhud huwa illi fil-waqt illi l-imputat jghid li huma gew arrestati fil-mument illi x-xhud kien qed jaghtih il-flus, ix-xhud jghid illi l-flus u l-pilloli diga` kienu ghaddew bejniethom u kien f'dak il-mument li gew arrestati. Biss it-tnejn jaqblu illi x-xhud avvicina lill-imputat – ghaliex skond ix-xhud, kien jafu minn wiccu, ghalkemm ma kienx jafu, liema fatt gie anke kkonfermat mill-imputat stess illi qal illi huwa kien gieli ra lill-persuna li avvicinatu ghalkemm ma kienx jafu u lanqas ma kien jaf x'jismu – u talbu ghall-pilloli *ecstasy* u li l-imputat qal lix-xhud sabiex jaghtih il-flus ghall-istess pilloli. Minghajr ma l-Qorti tidhol fil-kwistjoni ta' jekk ghandhiex temmen lil Psaila illi fil-fatt il-pilloli u l-flus diga` kienu ghaddew bejniethom u jekk fil-fatt it-tlett pilloli li nstabu fuq Psaila kinux gew mghoddija lilu mill-imputat, jekk il-Qorti tiehu biss in konsiderazzjoni dak li jirrizultalha kemm mill-istqarrija tal-imputat, kif ukoll ta' dik il-parti tax-xhieda ta' Psaila li tikkorrobora din l-istqarrija, diga` jirrizulta illi l-imputat traffika l-pilloli *ecstasy* ghal fini tal-ligi.

L-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Ghaldaqstant, jirrizulta car illi bil-fatt biss illi l-imputat offra li jipprovdi l-pilloli *ecstasy* lil Psaila, indipendentement minn dak li seta' gara jew ma garax wara dan, ghal fini tal-ligi, huwa traffika l-pilloli *ecstasy*. Isegwi ghalhekk ukoll illi s-sottomissjoni tad-difiza fis-sens illi t-tlett pilloli li nstabu fuq Psaila, la gew esebiti f'dawn l-atti u wisq inqas analizzati, u illi ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati ta' traffikar tal-istess pilloli, ma tregix fid-dawl ta' dan kollu. La darba l-ligi trid illi min joffri li jipprovdi d-droga, inkluz il-pilloli *ecstasy*, jigi wkoll meqjus bhala li traffika f'dik id-droga, anke jekk allura bhala fatt ma jipprovdihomx, ifisser illi kemm il-darba dan jirrizulta fil-grad rikjest mil-ligi, l-ebda prova ohra, inkluz ghalhekk li d-droga tigi esebita jew analizzata, ma hija necessarja.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi u dan fir-rigward tal-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009. Ghal dak li jirrigwarda s-sentejn ta' qabel din id-data, kwalunkwe prova in konnessjoni ma' dan tirrizulta biss mill-istqarrija tal-imputat u ghalhekk il-Qorti ser issib htija biss fir-rigward tal-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia dik ta' pussess semplici ta' medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*), jirrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu pillola wahda li skond l-Ispizjar Mario Mifsud, instabet fiha s-sustanza *Chlorophenylpiperaine (CPP)* u li din hija kkontrollata taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara illi skond l-istess imputat, huwa kien xtara zewg pilloli u kien diga` kkonsma wahda minnhom.

Dwar dan, id-difiza ssottomettiet illi s-sustanza li hija indikata mill-imsemmi espert fir-relazzjoni tieghu, ossia s-sustanza *Chlorophenylpiperaine* mhijiex indikata bhala skedata taht il-Kap. 31, u li fil-fatt is-sustanza skedata hija dik li ggib l-isem *Chlorophenylpiperazine*. In oltre, skond id-difiza, l-iskeda telenka tlett tipi ta' CPP u cioe` mCPP, oCPP u pCPP u ghalhekk l-espert naqas milli jindika liema wahda minn dawn it-tipi ta' medicini kkontrollati bil-ligi, kien qed jaghmel referenza ghaliha. Id-difiza sostniet illi bhala rizultat jezisti dubju dwar x'kienet ezattament il-pillola li nstabet fuq l-imputat u li allura dan id-dubju ghandu jmur favur tieghu.

Issa huwa veru illi l-lista ta' medicini psikotropici taht it-Taqsima A tat-Tielet Skeda, tinkludi mCPP li ggib l-isem kimiku ta' *1-(3-chlorophenyl)piperazine*, oCPP bl-isem kimiku ta' *1-(2-chlorophenyl)piperazine* u pCPP ossia *1-(4-chlorophenyl)piperazine*. Is-sustanza *chlorophenylpiperaine* ma tidher imkien f'din l-Iskeda. Biss huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti li dan kien kaz ta' *lapsus calami* u li bi zvista l-espert ma nkludix l-ittra 'z' bejn l-ittri 'a' u 'i' tal-kelma *chlorophenylpiperaine.* Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, fir-relazzjoni tieghu l-espert jaghmel referenza cara ghas-sustanza CPP li fit-Taqsima A tal-iskeda msemmija hija indikata bhala *chlorophenylpiperazine* u mhux *chlorophenylpiperaine.* Fit-tieni lok, l-istess espert jindika wkoll fir-relazzjoni tieghu illi s-sustanza CPP hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Parti A tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, liema skeda kif inghad, tindika biss il-*chlorophenylpiperazine* bhala CPP. Huwa evidenti ghalhekk illi l-espert kien qed jirreferi ghas-sustanza *chlorophenylpiperazine* u ghall-ebda sustanza ohra. Anke minn harsa lejn ix-xhieda tal-istess espert quddiem il-Qorti, jirrizulta illi

kien qed jirreferi ghal din is-sustanza, ghalkemm fil-fatt din ma gietx miktuba korrettement fit-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tad-difiza, imbaghad, fis-sens illi l-espert ma indikax jekk din kinitx mCPP, oCPP jew pCPP, izda indika sempliciment li din kienet CPP, il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jregix, ghaliex huwa evidenti illi l-bazi ta' dawn it-tlett tipi ta' medicina hija dejjem is-sustanza CPP – sustanza skedata - u fil-fatt anke jekk wiehed ihares lejn l-iskeda, jirrizulta illi fil-waqt l-ittri mCPP, oCPP u pCPP jirreferu ghall-isem internazzjonali tas-sustanza jew l-isem li biha s-sustanza hija komunement maghrufa, madankollu, l-bazi kimika tas-sustanza tibqa' dejjem il-*chlorophenylpiperazine* u ghaldaqstant jidher car illi dak li ried jolqot il-legislatur hija din is-sustanza kimika li fil-fatt instabet fil-pillola li kienet fil-pussess tal-imputat. In oltre fix-xhieda tieghu, l-espert spjega li din hija pillola tal-*ecstasy*.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni wkoll giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi u dan fir-rigward tal-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009. Kif inghad fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ghal dak li jirrigwarda s-sentejn ta' qabel din id-data, kwalunkwe prova in konnessjoni ma' dan tirrizulta biss mill-istqarrija tal-imputat u ghalhekk il-Qorti ser issib htija biss fir-rigward tal-lejl bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009.

<u>It-tielet imputazzjoni – pussess illegali tad-droga kokaina</u>

Jirrizulta car illi l-imputat ma nstabx fil-pussess tad-droga kokaina fil-lejl in kwistjoni. Din l-imputazzjoni giet addebitata lill-imputat biss a bazi tal-istqarrija rilaxxjata minnu. Issa apparti li din l-ammissjoni tal-imputat ma tirrizultax korroborata minn provi ohrajn, anke jekk wiehed kellu jhares lejn l-istqarrija tal-imputat, jirrizulta illi meta huwa gie mistoqsi jekk jabbuzax minn xi droga ohra apparti l-*ecstasy*, huwa qal illi f'okkazjonijiet rari, bhal meta tkun gejja l-festa, gieli ha xi ftit kokaina, izda mhux b'mod regolari. Veru illi l-

imputazzjoni tirreferi ghall-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009 u s-sentejn ta' qabel, izda fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinghad illi minn dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, wiehed jista' jasal ghall-konvinciment morali illi l-abbuz f'dawk l-okkazjonijiet rari li jsemmi fl-istqarrija tieghu sehh fis-sentejn ta' qabel id-data msemmija. Semmai l-imputat kellu jigi mistoqsi specifikatament meta kienet l-ahhar darba li abbuza mid-droga kokaina.

Ghaldaqstant l-imputat mhuwiex qed jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, liema fedina kienet wahda netta, kif ukoll il-fedina penali aggornata tal-istess imputat, li tinkludi biss kundanna dwar reati kontravvenzjonali. Qieset ukoll illi ghalkemm ma kienx hemm ammissjoni f'dawn il-proceduri, madankollu, l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ic-cirkostanzi li waslu sabiex tinstab htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u li nstabet htija biss fir-rigward ta' okkazzjoni wahda referibbli ghall-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009, kif ukoll illi ghal fini tat-tieni imputazzjoni, fil-lejl in kwistjoni, l-imputat kellu fil-pussess tieghu zewg pilloli.

Il-Qorti applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u t-Taqsima A tal-Tielet Skeda tal-istess Kapitolu, ir-Regolament 3 tal-Avviz Legali 22/1985, it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **mhux hati** tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu **hati** tal-ewwel imputazzjoni (b'referenza biss ghal-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009) u t-tieni imputazzjoni (b'referenza ghall-istess lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2009) u tikkundannah ghal piena ta' **sitt xhur prigunerija** u **multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tlett mija, erbgha u sittin Euro u wiehed u hamsin centezmu (€364.51), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok. JB1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------